**It-Tnejn**

**L-Ewwel ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Alla kbir, int fridt fil-bidu
l-ilmijiet ta' fuq minn t'isfel,
u waqqaf t filgħoli s-sema,
l-art u l-baħar taħt riġlejna.

2.
Is-smewwiet bid-dwal żejjinthom,
lejl u nhar iwennsu l-bniedem;
niżlu x-xmajjar mill-muntanji,
l-art isaqqu w l-għomma jtaffu.

3.
Uri magħna t-tjieba tiegħek,
sawwab fuqna d-dawl tal-grazzja,
biex id-dnub li kien jassarna
ma jerġax fid-dlam jixħetna.

4.
Imla l-fidi tagħna b'dawlek
ħa nferrxuh kull ħin madwarna,
nikxfu l-qerq u nuru x-xibka
li jonsbilna l-għadu ħajjen.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Il-Mulej jitfa' għajnejh fuq l-imsejken.
L-Għid: Agħmlu l-qalb; jiena rbaħtha d-dinja, hallelujah.

**Salm 10 (11)**

Fil-Mulej hu l-kenn tiegħi; †
mela kif tgħiduli: *
"Aħrab bħal għasfur lejn l-għolja;
għax, ara, il-midinbin qed imiddu l-ark, †

u jqabbdu mal-watar il-vleġġa, *
biex jolqtu fid-dlam lin-nies ta’ qalb safja.
Jekk is-sisien jinqalbu, *
il-bniedem ġust x’jista’ jagħmel?”

Il-Mulej hu fit-tempju mqaddes tiegħu, *
il-Mulej fis-sema għandu t-tron tiegħu;
għajnejh fuq il-bnedmin jitfa’, *
bi xfar għajnejh jiflihom.

Jgħarbel il-Mulej lill-ġust u l-ħażin; *
hu jobgħod ‘il min iħobb id-dnewwa.
Xita ta’ ġamar u kubrit jitfa’ fuq il-ħżiena; *
riħ jikwi jkun is-sehem li ħaqqhom.

Għax ġust hu l-Mulej, u jħobb il-ġustizzja; *
wiċċu jdawwar lejn min hu sewwa.

Ant. Il-Mulej jitfa’ għajnejh fuq l-imsejken.
Ant. 2 Henjin dawk li huma safja f’qalbhom, għax huma jaraw ‘l Alla. L-Għid: Hu jgħammar fid-dar tiegħek u joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek, hallelujah.

## Salm 14 (15)

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? *
Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?

Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, *
min jgħid is-sewwa f’qalbu;
min ma jqassasx bi lsienu, †
ma jagħmilx deni lil ġaru, *
u ma jgħajjarx lil għajru;
min ma jqisx lill-bniedem ħażin, *
imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej;
min iwiegħed u jżomm kelmtu; †
min jislef u ma jitlobx imgħax, *
u ma jieħu xejn kontra min hu bla ħtija.

Min jagħmel dan, *
qatt ma jitħarrek.

Ant. Henjin dawk li huma safja f’qalbhom, għax huma jaraw ‘l Alla.
Ant. 3 Alla ddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta’ Ibnu.
L-Għid: Meta nintrefa’ ‘l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja, hallelujah.

## Kantiku (Ef 1,3-10)

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
li mliena b’kull xorta ta’ barka spiritwali,
fis-smewwiet, fi Kristu. –

Hekk hu għażilna fih, †
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba;

iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
permezz ta' Ġesù Kristu, *
skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
li biha mliena fl-Għażiż tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa, bid-demm tiegħu, *
il-maħfra tad-dnubiet,

skond l-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri li kollox jinġabar taħt Ras waħda,
li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

Ant. Alla ddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ibnu.

## LEZZJONI QASIRA Kol 1,9b-11

Agħrfu sewwa r-rieda ta' Alla bl-għerf kollu u d-dehen spiritwali. Hekk tkunu tistgħu tgħixu sewwa kif jixraq lill-Mulej, u togħġbuh f'kollox bil-frott ta' kull opra tajba, u tikbru fl-gherf ta' Alla, titwettqu bil-qawwa kollha skond il-qawwa tas-sebħ tiegħu, biex tkunu tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar u l-ferħ.

## RESPONSORJU QASIR

R. Mulejja, salvani, * Għax dnibt kontra tieghek. Mulejja.
V. Jiena għedt: Ħenn għalija, Mulej, * Għax dnibt kontra tiegħek. Glorja. Mulejja.

Ant. tal-kant. ta' Marija Infaħħar il-kobor tal-Mulej, għax Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *

qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja …

Ant. tal-kant. ta' Marija Infaħħar il-kobor tal-Mulej, għax Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tiegħi.

## PREĊI

Alla għamel patt għal dejjem mal-poplu tiegħu, u qatt ma jieqaf jagħmlilhom il-ġid. Niżżuh ħajr, u b'qalbna qawwija nitolbuh:
Agħmel il-ġid, Mulej, lill-poplu tiegħek:
Salva lill-poplu tiegħek, Mulej:
- bierek il-wirt tiegħek.
Agħmel li l-insara kollha jkunu magħquda ħaġa waħda bejniethom:
- biex id-dinja temmen fi Kristu, li inti bgħatt.
Agħti l-grazzja tiegħek lil ħbiebna kollha u lil kull min nafu:
- għinhom ixerrdu madwarhom il-fwieħa ħelwa ta' Kristu.
Uri tjubitek u mħabbtek lill-moribondi:
- agħmel li għajnejhom jaraw is-salvazzjoni tiegħek.
Xerred il-ħniena tiegħek fuq ħutna l-mejtin:
- iġborhom ma' dawk li qegħdin jistrieħu fi Kristu.

**Missierna**

## Talba

Mulej, int ħarist lejn iċ-ċokon tal-Verġni Marija u biha ftaħtilna t-triq tas-salvazzjoni; aħna noffrulek dan is-servizz tagħna għat-tifħir kbir tiegħek u biex twassalna fil-glorja tal-fidwa sħiħa. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**